MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 466/2008

**Rikors Numru 466/2008 SM**

**George (I.D. 140844 M),**

**Joseph (I.D. 737846 M),**

**Francis (I.D. 299849 M) u**

**Carmelo (I.D. 239453 M),**

**ahwa Zammit**

**vs**

**Anna Mallia**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-7 ta' Mejju, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi l-kontendenti huma ilkoll ulied Gio Maria u Carmela konjugi Zammit;

1.2. Illi l-imsemmija Carmela Zammit mietet fit-8 t'Awissu, 2006, (ara foll 5);

1.3. Illi l-eredita` ta' l-imsemmija Carmela Zammit hi regolata minn testment *in atti* tan-nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel datata d-9 ta' Lulju, 2001, (ara foll 6 sa 15);

1.4. Illi fit-testment taghha indikat fil-paragrafu precedenti, l-imsemmija testatarja halliet lill-hames ulieda, il-kontendenti prezenti fuq gia` indikati, bhala l-eredi universali taghha, (ara foll 13 u 14);

1.5. Illi r-rikorrenti irrinunzjaw ghall-eredita` ta' l-imsemmija ommhom Carmela Zammit;

1.6. Illi pero`, zammew ferm id-dritt taghhom li jiehdu is-sehem riservat, gia` legittima, spettanti lilhom mill-eredita` tad-defunta ommhom;

1.7. Illi fost l-affarijiet li jikkomponu l-eredita` in dizamina hemm is-sehem tad-defunta tad-dar residenti tat-

testatrici f'Hal Qormi, kif ukoll is-sub cens annwu u perpetwu ta' terran f'San Pawl il-Bahar;

1.8. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata biex tivversa lir-rikorrenti dak lilhom dovut bhala sehem rizervat mill-eredita` taghhon, hi baqghet inadempjenti;

1.9. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tillikwida l-kommunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejn id-defunti konjugi Zammit u tistabbilixxi liema hi l-parti spettanti lill-eredita` ta' Carmela Zammit, kemm dik li hi proprjeta` li kienet taghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll kwalunkwe beni akkwistati minnha wara l-mewt ta' zewgha, u l-beni parafernali taghha;

1.9.2. Tillikwida l-valur ta' l-eredita` ta' Carmelo Zammit hekk kif regolata mit-testment datat d-9 ta' Lulju, 2001, *in atti* tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel, prevja l-hatra ta' periti biex jaghmlu l-valutazzjoni tal-beni, kemm mobbli u immobbli, li minnhom hi komposta;

1.9.3. Tistabbilixxi l-valur ta' kull sehem rizervat mill-eredita` lil kull wiehed mir-rikorrenti fuq riferiti;

1.9.4. Tikkundanna lill-intimata thallas is-sehem riservat lilhom hekk stabbilit kif fuq inghad, bl-imghax mid-data tal-mewt ta' l-istess Carmela Zammit sad-datat ta' l-effettiv pagament;

1.9.5. B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti ghas-sehem taghhom mill-eredita` ta' missierhom Gio Maria Zammit;

1.9.6. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimata;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-9 ta’ Gunju, 2008, li permezz taghha l-intimata sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ma jistghux jipproponu l-kawza odjerna *stante* li jidher li rrinunzjaw ghall-eredita` ta’ ommhom Carmela Zammit minghajr l-ebda riserva;

2.2. Illi l-assi indikati mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur thallew lill-intimata b’titolu ta’ pre-legat rimuneratorju minn ommha Carmela Zammit, biex “... b’xi mod tikkumpensha ...” ghas-servigi ghal snin twal sa’ l-ahhar ta’ hajjitha, (ara foll 13);

2.3. Illi ghalhekk dawn l-assi ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta’ komputazzjoni tas-sehem riservat;

2.4. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat iz-19 ta’ Gunju, 2008, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata ghall-iskop hemm indikat, (ara foll 23);

4. Rat in-nota tar-rikorrenti George, Joseph, Francis u Carmelo ahwa Zammit datata iz-19 ta’ Gunju, 2008, (ara foll 24), li permezz taghha pprezentaw nota datata t-2 ta’ Mejju, 2008, li biha “jirrinuzjaw minghajr ebda riserva ghall-eredita` ta’ ommhom Carmela Zammit ...”, (ara foll 26);

5. Illi *di piu`*, skont l-istess nota tat-2 ta’ Mejju, 2008, indikata fil-paragrafu precedenti, jirrizulta li l-istess rikorrenti “ ...

jirriservaw favur taghhom il-jedd ghas-sehem riservat tal-beni, illi ... ikun imiss lilhom", (ara foll 26);

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-21 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu, wara li rat ir-rikors tar-rikorrenti datat it-12 ta' Mejju, 2010, (ara foll 151), u r-risposta ta' l-intimata datata z-19 ta' Mejju, 2010, hatret lill-perit tekniku hemm indikat ghall-iskop hemm ukoll indikat, (ara foll 151 u 153);

7. Tirrileva li skont il-verbal datat l-20 ta' Gunju, 2013, (ara foll 228), l-abbli rapprezentanti legali ta' l-intimata iddikjara li l-istess intimata kienet qed tirtira l-ewwel risposta preliminari minnha sollevata, (ara foll 20 u l-paragrafu numru tnejn punt wiehed, (2.1.), aktar qabel);

8. Rat it-digriet taghha datat it-12 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 259);

9. Rat is-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datat t-13 ta' Jannar, 2015, (ara foll 260), flimkien ma' dik ta' l-intimata datata l-25 ta' Frar, 2015, (ara foll 263);

10. Ezaminat id-dokumenti u x-xhieda mismugha kemm minn din il-qorti diversament preseduta, kif ukoll mill-assistent gudizzjarju nominata;

11. Ezaminat ukoll ir-relazzjoni ta' l-abbli perit tekniku in atti fl-24 t' Ottubru, 2013, (ara foll 232 *et sequitur*);

12. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

13. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati in atti;

14. Tirrileva li ghalkemm indirizzat lill-partijiet lejn transazzjoni ekwa bejniethom din baqghet m'avveratx ruhha, (ara foll 259);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

15.1. Illi l-genituri tal-kontendenti, John Mary u Carmela Zammit rispettivament mietu fit-3 t'Awwissu, 2006, (ara foll 5);

15.2. Illi l-eredita` ta' l-imsemmija Carmela Zammit giet minnha regolata permezz ta' testment in atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel datat id-9 ta' Lulju, 2001, (ara foll 12);

15.3. Illi dan it-testment indikat fil-paragrafu precedenti sintetikament jiddisponi minn din l-eredita` bil-mod segwenti (ara foll 12 *et sequitur*):

15.3.1. Illi t-testatrici *de quo* irrevokat u hassret kull testment precedenti li setghet ghamlet qabel;

15.3.2. Illi ezentat lil uliedha mill-obbligu li jikkonferixxu fl-assi ereditarji dak kollu li hi kienet taghthom jew li ghad trid taghtihom, u dan, taht kwalunkwe titolu, (ara foll 12 u 13);

15.3.3. Illi lil bintha Anna mart Alfred Mallia, (l-intimata), hallietilha bhala prelegat is-segwenti:

15.3.3.i. Kull sehem li ghandha fil-fond 79, Pjazza San Frangisk, Hal-Qormi, flimkien mal-mobbli oggetti tad-deheb, hagar prezzjuz u flus kontanti ezistenti fl-istess fond, (ara foll 13);

15.3.3.ii. Is-sub-dirett dominju annwu u perpetwu u sub-cens annwu u perpetwu relattiv t’erba` mitt Lira Maltin, (Lm400.00), gravanti l-istess, ghall-fond numru 148, “Rose”, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, biex “... b’xi mod tikkumpensaha ta’ dak kollu li hi ghamlet u qeghda taghmel maghha”, (ara foll 13);

15.3.3.iii. Illi salv is-suespost, innominat bhala eredi universali taghha u fi kwoti ugwali bejniethom lill-hames (5) ulieda – l-kontendenti odjerni, (ara foll 14);

15.3.3.iv. Illi fil-kaz li xi wiehed jew wahda mill-eredi fuq riferiti “... jipprova jimpunja xi parti minn dan il-presenti testment jew jibda proceduri gudizzjarji in konnessjoni ma’ l-istess, dan l-eredi ghandu jiddekadi minn kwalunkwe liberalita` lilu provenjenti minn dan it-testment u jiehu biss il-legittima lilu spettanti ...”, (ara foll 14);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi rigward il-fond fuq indikat numru 148, “Rose”, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, jirrizulta wkoll is-segwenti:

16.1. Illi permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel, datat il-25, ta’ Gunju, 2001, l-istess Carmela Zammit, omm il-kontendenti prezenti, ikkoncediet lill-intimata u lil zewgha Alfred is-sub enfitewsi perpetwa ta’ l-istess fond, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, (ara foll 181);

16.2. Illi dan is-sub enfitewsi hu suggett ghas-sub-cens annwu u perpetwu ta’ tmin Liri Maltin, (Lm8.00), rivedibbli wara mitt (100) sena mill-11 ta’ Gunju, 1960, u kull hamsin (50) sena ohra sussegwenti;

16.3. Illi l-istess koncessjoni qed issir versu s-sub-cens t’erba` mitt Lira Maltin, (Lm400.00) kull sena;

16.4. Illi f'kaz ta' morozita` da parti tal-konjugi Mallia, is-sub-koncedenti Carmela Zammit irrizervat id-dritt li xxolji l-att in dizamina u tiehu lura l-fond *de quo* bil-benefikati minghajr mal-konjugi Mallia jkollhom dritt ghal xi kumpens;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi minn ezami tas-suespost fid-dawl tax-xhieda prodotta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi l-prelegat tal-fond 79, Pjazza San Frangisk, Hal-Qormi, flimkien ma' l-oggetti indikati imhollija favur l-intimata thalla lill-istess bl-iskop precis li t-testatrici tikkumpensa lill-legatrici Anna Mallia:

17.1.1. Kemm ghal dak kollu li ghamlet mat-testatrici;

17.1.2. Kif ukoll ghal dak li kienet ser taghmel maghha fil-futur;

17.2. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li meta l-intimata zzewwget fl-1977 ta' 21 sena, hi stabbiliet in-nukleu familjari taghha fl-istess fond u baqghet tghix mall-mama` taghha u maz-zewg (2) hutha Joseph u Francis li kienu ghadhom jghixu fl-istess dar, (ara foll 174);

17.3. Illi l-istess intimata kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha kemm t'ommha kif ukoll ta' l-imsemmija zewg (2) hutha, u dan rispettivament sa kemm ta' l-ewwel

ghaddiet ghal hajja ahjar u ta' l-ahhar sabu l-istat naturali taghhom;

17.4. Illi matul iz-zmien il-bzonnijiet tal-mama` tal-kontendenti bdew jikbru, kemm imhabba l-eta` lib diet tavvanza, kif ukoll imhabba mard, fejn l-ahhar snin kellha tghaddihom f' *wheel chair*;

17.5. Illi *nonostante* li anke l-familja ta' l-intimata kibret bid-dekors normali taz-zmien, jirrizulta li lill-konjugi Mallia twildulhom erbat (4) itfal, tnejn minnhom tewmin;

17.6. Illi rinfaccati b'dan l-izvilupp naturali l-istess konjugi Mallia ttrattenew ukoll l-idea li jfittxu dar residenzjali akbar, izda l-fat ried li nholqot opportunita` fejn kienet vakata dar adjacenti ghal taghhom, xtrawha fl-1988, u wara li waqqawha, ghaqduha mall-fond fejn kienu joqghodu, (ara foll 175);

17.7. Illi peress li fl-eta` ta' disghin (90) sena l-imsemmija Carmela Zammit soffriet kondizzjoni medika serja debilitanti li minhabba fiha kellha tigi rikoverata l-isptar, sussegwentement irritornat fir-residenza taghha f'Hal-Qormi fejn l-istess intimata kellha teffetwa diversi tibdiliet, anke strutturali, biex tagevola kemm jista` jkun il-kondizzjoni tal-mama` taghha, (ara foll 253);

17.8. Illi ovvjament il-piz fuq l-intimata kiber proporzjonalment;

17.9. Illi eventwalment, l-istess Carmela Zammit kienet kostretta terga tigi rikoverata l-isptar fejn eventwalment mietet fit-8 t'Awwissu, 2006, (ara foll 253);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi in vista tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

18.1. Illi l-prelegat favur l-intimata rigwardanti l-fond 79, Pjazza San Frangisk, Hal-Qormi, jirrizulta li hu kondizzjonat mill-fatt li l-intimata tiehu hsieb it-testatrici *de quo stante* li l-iskop ghall-istess hu precizament biex "... b'xi mod tikkumpensha ta' dak kollu li hi ghamlet u qeghda taghmel maghha", (ara foll 15);

18.2. Illi f'dan ir-rigward din il-qorti hi sodisfatta li l-intimata spiccat tiehu hsieb lill-mama` taghha kemm minn qabel ma' zzewget fl-1977, kemm ukoll wara li l-mama` taghha mardet serjament, u dan ghal madwar disgha u ghoxrin sena shah, meta kellha wkoll l-oneru xejn hafif li tiehu hsieb ukoll il-familja taghha;

18.3. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li t-testatrici in dizamina kienet halliet lill-intimata il-prelegat *de quo* kemm b'titolu ta' liberalita`, kif ukoll bhala rimunerazzjoni ghal servigi li l-istess intimata rrendiet b'sagrificcju u b'ghozza lit-testatrici tul hajjitha kollha;

18.4. Illi kif ritenut mill-***Qorti Civili Prim'Awla*** fis-sentenza ***Muscat vs. Borg nomine et*** datata t-***28 ta' Mejju, 1958***, ***Kollezzjoni XLII-II-1056***, tali legat kellu jigi konsegwit fl-interezza tieghu;

Ikkunsidrat:

19. Illi rigward il-fond 148, “Rose”, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, jirrizulta li barra li dan ukoll thalla lill-intimat bhala prelegat ghas-servigi li tat lit-testatrici u li kien ghad baqghala taghti, dan gie espressament konsolidat permezz ta’ kuntratt appozitu favur kemm l-intimata u zewgha;

20. Illi ghalhekk, *stante* li jirrizulta abbundantement assodat li s-servigi dovuti nghataw b’rigorozita`, l-istess kuntratt in dizamina, (ara paragrafu sittax, (16.), aktar qabel), jiddetermina l-kwistjoni indirizzata mill-atturi kontra taghhom;

Ikkunsidrat:

21. Illi jigi wkoll ribadit li t-testatrici stabbiliet perentorjament fit-testment taghha fuq riferit, (ara foll 14), li kemm -il darba xi hadd mill-eredi jimpunja, jew jipprova jimpunja, l-istess testment taghha, b’xi proceduri gudizzjarji, dan jiddekadi minn kwalunkwe liberalita` moghtija lilhu fl-istess testment u jikkwalifika biss ghall-legittima;

22. Illi r-rikorrenti, muniti bl-istess testment, kienu lkoll ben konsapevoli bil-kundizzjoni *de quo* imposta mit-testatrici ommhom;

23. Illi ghalhekk, in vista ta’ l-azzjoni odjerna minnhom intrapriza, l-istess kundizzjoni issa skattat u avverat ruhha;

Ikkunsidrat:

24. Illi jirrizulta li l-kundizzjonijiet inkluzi fit-testment *de quo* s'issa ma setghux jigu ezegwiti mhux imhabba xi manuvri okkulti pregudizzjali ta' l-intimata ghaliex jirrizulta pacifiku li hi dejjem kienet disposta thallas dak dovut lir-rikorrenti, izda semplicement minhabba l-fatt li l-istess rikorrenti intavolaw il-procedura odjerna;

**DECIDE:**

25.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ahwa Zammit ma irnexxilhomx jipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li:

25.1. Takkolji r-risposti kollha ta' l-intimata;

25.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

25.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti *in solidum*.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------